# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 154/2015

**Il-Pulizija**

**(Ass. Kumm Ian J. Abdilla)**

**vs**

**Ruth Gatt**

Seduta ta-28 ta' Novembru, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellanti, Ruth Gatt, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 51876M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'Marzu 2009, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ghamlet atti ta' *money laundering* billi:

a. ikkonvertit jew ittrasferit propjeta' meta kienet taf li dik il-propjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta', attivita` kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f'attivita kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra ta' l-origini tal-propjeta' jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f'attivita kriminali, u/jew;

b. hbiet jew uriet haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispozizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjeta', meta kienet taf li dik il-propjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f' attivita' kriminali, u/jew;

c. akkwistat propjeta' meta kienet taf li l-istess propjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, u/jew;

d. bir-ritensjoni minghajr skuza ragonevoli ta' propjeta' meta kienet taf li l-istess propjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f' attivita' kriminali, u/jew;

e. ittentat taghmel l-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija, agixxiet bhala komplici fit-tifsir ta' l-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali rigward xi wahda mill-hwejjeg jew attivitajiet definiti fis-sub paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, fil-kapacita' taghha ta' ufficcjal jew impjegat pubbliku, minhabba l-istat,

professjoni jew kariga taghha, kienet saret id-depozitarji ta' sigriet li kien gie fdat lilha, kixfet dan is-sigriet, hlief fil-kazijiet li fihom il-ligi tobbligaha tgharrafhom lill-awtorità pubblika.

Ukoll talli fit-3 ta' Marzu 2009, u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer;

3. kellha fil-pussess taghha d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti, kif ukoll tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-23 ta' Marzu, 2015 li biha sabet lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha b'dan li ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni instabet hatja bhala awtur, ikkundannatha ghal-tlett (3) snin prigunerija u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 ikkundannatha thallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' elf, disa' mija, tmienja u disghin euro u sitta u erbghin centezmu (€1,998.46) rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti;

Inoltre l-Qorti ordnat konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' elf, seba' mija hamsa u hamsin Euro (€1,755) depozitati in atti bhala Dok IJ3, kif ukoll tal-bilanc li hemm fil-kont *Savings*, numru 20000633017, ma' l-APS Bank Ltd u l-bilanc li hemm fil-kont kurrenti, numru 20000637153, ma' l-APS Bank Ltd. Il-Qorti ordnat ukoll id-distruzzjoni a karigu tar-Registratur tad-droga esebita;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ruth Gatt, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' April, 2015, permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti **tiriforma** s-sentenza appellata billi tikkonfermaha <u>biss</u> f'dik il-parti fejn sabet lill-esponenti hatja <u>tat-tielet imputazzjoni</u> u cioe' ta' pussess semplici ta' droga filwaqt li **thassar u tikkancella** l-istess sentenza <u>fil-bqija taghha</u> u cioe' f'dik il-parti fejn sabet lill-esponenti hatja ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba kontra taghha kif ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannatha tlett snin prigunerija u ghall-hlas tal-ispejjez peritali u ghall-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' elf sebgha mija hamsa u hamsin Euro (€1,755) depozitati in atti bhala Dok IJ3, kif ukoll tal-bilanc li hemm fil-kont Savings, numru 20000633017, ma' l-APS Bank Ltd u l-bilanc li hemm fil-kont kurrenti, numru 20000637153, ma l-APS Bank Ltd, u minflok tinfliggi piena aktar gusta u idoneja ghall-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. L-appellanti tillanja s-sentenza appellata bi tlett gravami. L-ewwel wiehed jirreferi ghall-ewwel imputazzjoni fejn tallega interpretazzjoni jew applikazzjoni skorretta jew inkompleta tal-ligi. It-tieni aggravju imbaghad jolqot it-tieni imputazzjoni bl-istess allegazzjoni filwaqt illi t-tielet gravam jolqot l-ewwel zewg imputazzjonijiet bl-argument ta' apprezzament skorrett u irragonevoli tal-provi migjuba. Fi kliem iehor, l-aggravji huma dwar interpretazzjoni hazina tal-provi u tal-ligi kwantu l-ewwel u t-tieni imputazzjoni. It-tielet imputazzjoni ma hi kolpitab'ebda aggravju;

2. Dan il-kaz jitratta dwar agir tal-appellanta li ma jidhirx kontestat bhala fatt ghaliex dak li hu kontestat hu kemm dak l-agir jammonta ghar-reati addebitati. L-imputata hija, jew kienet, impjegata mad-Dipartiment tal-VAT bhala skrivana li xogholha kien li ddahhal dettallji (data) fis-sistema komputerizzata tad-Dipartiment. Fl-istess Dipartiment kien jahdem ukoll certu Nigel Abela u bejn dawn it-tnejn zviluppat relazzjoni intimata. It-tnejn li huma fethu kont bankarju flimkien mal-Bank of Valletta, skond l-imputata, fuq suggeriment ta' Nigel Abela sabiex izomm mistur ammont ta' flus minn martu peress li kien ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni minn maghha. Wara ftit taz-zmien, dejjem skond l-appallenti, Abela deherlu li dawk il-flus ma kienux b'daqshekk koperti ghaliex martu xorta wahda setghet tkun taf li dawk kienu ukoll f'ismu u ghalhekk ikkonvinciha tiftah kont bankarju iehor din id-darba f'isimha biss mal-APS Bank;

3. F'dan il-kont il-gdid kienu jkunu depozitati flejjes permezz ta' *cheques* mahruga fil-maggior parti taghhom fuq l-imputata u ohrajn fuq Nigel Abela izda aggirati fuq Ruth Gatt li tghid li kienet konvinta li kienu flejjes li kien silef lil terzi. Hi kienet tohrog *cheques* lura lilu skond l-istruzzjonijiet li jtiha. Il-kontijiet bankarji taghha li kellha sia ghas-self mill-bank kif ukoll biex tircievi l-paga taghha baqghu kurrenti f'isimha izda dak intestat f'isimhom it-tnejn inghalaq. Nigel Abela kien ghamel zmien ma jidholx ghax-xoghol u kien jitlob lill-imputata tghaddilu informazzjoni mis-sistema tad-Dipartiment liema informazzjoni, skont hi, kienet limitata ghad-data tal-iskadenza tad-Denunzja tal-VAT ta' terzi. Jemergi ukoll illi terzi, fosthom socjetajiet kienu jhallsu lill-Nigel Abela ammonti ta' flus dovuti bhala VAT sabiex dan jghaddihom lid-Dipartiment izda rrizulta li dawn kienu jkunu depozitati fil-kont tal-imputata bir-rizultat illi l-ammont kienu xorta wahda jibqghu jidhru bhala dovuti fis-sistema tad-Dipartiment, naturalment ghaliex ma jkunux thallsu minn Nigel Abela;

4. Fl-ewwel aggravju taghha, l-appellanti tressaq l-argument illi minkejja l-kunsiderazzjonijiet estensivi. kemm ta' dritt kif ukoll tal-fatti, maghmula mill-ewwel Qorti, huwa evidenti li kien nieqes sia l-element materjali kif ukoll dak intenzjonali tar-reat ta' hasil ta' flus. Izzid tghid illi, li kellha tkun abbraccjata t-tezi tal-prosekuzzjoni dwar l-agir tal-imputata u x-xjenza taghha dwar l-attivita' ta' Nigel Abela, kien jirraffigura r-reat ta' komplicita' f'appropriazzjoni indebita u mhux dak tal-hasil ta' flus b'responsabilita' ta' awtrici;

5. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti kollha kif ukoll il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti mhux biex tiddeciedi l-kaz mill-gdid, ghaliex dan mhux il-ghan ta' appell sakemm ma jkunx hemm decizjoni ta' nullita' fir-rigward, izda biex tiddeciedi jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fl-ewwel lok tirrizulta rassenja

dettaljata u preciza tal-fatti kollha tal-kaz. Tirrizulta inoltre esposizzjoni korretta ghal dak li huma l-ligijiet li jirregolaw d-delitt in disamina u l-gurisprudenza in rigward;

6. Issa, kwantu l-ewwel argument tal-imputata, din il-Qorti ma tarax kif tista' tabbraccja l-istess ghaliex li kellu jkun akkolt li kellha tinstab hatja ta' komplicita' indebita, fatt li ma kienx imputat lilha, id-depozitu tal-flus fil-kont bankarju taghha provenjenti minn dak ir-reat u mhallas lil terzi permezz ta' *cheques* ma hu xejn hlief wiehed mill-forom, ta' hasil ta' flus. L-imputata kienet tiffirma c-*cheques* in bjank u tghaddihom lill-Nigel Abela skond kif jghidilha hu. Ghalhekk hi kienet l-istrument tal-habi tal-provenjenza kif ukoll tar-riciklagg biex jaghti fid-deher li l-hlasijiet mill-kont taghha kien provenjenti minn kont bankarju distint minn Nigel Abela jew mill-attivitajiet tieghu;

7. Fit-tieni argument taghha, l-appellanta tghid li ressqet dik il-prova fil-grad tal-probabbli biex turi li ma kellhiex ix-xjenza tal-provenjenza illecita tal-flus. L-ewwel Qorti gustament ghamlet referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Jannar, 2012 fl-ismiijiet Il-Pulizija vs Carlos Frias Mateos fejn kien *inter alia* spjegat l-inverzjoni tar-regola tal-prova fis-sens illi skond il-Kapitolu 373, dak li l-prosekuzzjoni hi mehtiega tipprova hu li fuq bazi ta' *prima facie* hemm dak in-ness bejn il-flus jew il-proprjeta' u l-attivita' kriminali li tkun generat dawk il-flus jew proprjeta'. Jekk il-prosekuzzjoni jirnexxielha tipprova "*almenu"* fuq livell ta' *prima facie* li l-akkuzat jew imputat ikun "*jagixxi bi hsieb li jahbi jew jikkonverti flus jew ir-rikavat ta' flus u jkun jaf jew ikollu suspett li dawk il-flus ikunu miksuba bhala rizultat ta' ksur ta' xi disposizzjoni ta' l-Ordinanza Kap 101* " tiskatta imbaghad l-inverzjoni ta' l-oneru tal-prova fuq l-imputat. Tajjeb ukoll li ssir referenza ghal Archbold – Criminal Pleading Evidence & Practice (Sweet & Maxwell) 2014 Ed, f'dik il-parti rigwardanti il-mens rea (26-9) fejn hu ritenut is-segwenti:

*The interpretation section .. .. is of crucial importance. Each of the principal money laundering offences ... requires proof that the conduct concerned "criminal property". Section 340(3) provides that property is criminal property if it constitutes a person's benefit from criminal conduct or it represents such a benefit (in whole or in part and whether directly or indirectly), and the alleged offender knows or suspects that it constitutes such a benefit. "Suspects" is also sufficient mens rea to prove the offences in section ..."*

8. L-assjem tal-provi juru illi l-appellanti kellha dak is-suspett tal-provenjenza illecita tal-flus li kienu dehlin fil-kont taghha. Anke jekk dan kien jirreferi ghal self ta' flus, dan ma kienx self ta' darba bi pjacir lil xi individwu izda bl-ammont ta' *cheques* derivanti minn diversi nies u kumpaniji, bis-sieheb taghha jitlob dettalji dwar id-data tal-eghluq tad-denunzja tal-VAT, l-ammont ta' flus hergin mill-kont taghha minghajr ma tkun taf fejn sejrin, huwa bizzejjed sabiex tkun skontata l-prova tax-xjenza u l-imputata ma ressqitx dik il-prova anke fuq livell tal-probabbli li ma kellhiex l-intenzjoni li tiftah u tuza dan il-kont ghall-skopijiet illeciti. Din il-Qorti ghalhekk ma tara xejn irragjonevoli fil-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward;

9. Din il-Qorti ukoll ma taqbilx mal-argument sussegwenti tal-appellanti meta tghid li ma kienx hemm element ta' habi ghaliex il-flus kienet izzommhom apertament f'isimha. Dan il-kont infetah appozitament ghal-flus provenjenti minn Nigel Abela u ghalhekk b'mod indipendenti mill-kontijiet l-ohra taghha. Il-flus, ossia *cheques,* kienu jkunu intestati lilha jew aggirati fuqha b'mod allura li Nigel Abela ma jidher imkien. Lanqas ma kien jidher meta il-flus jergghu johorgu mill-kont permezz ta' *cheques* fuq terzi persuni. Kif tajjeb rrilevat l-abbli Avukat mill-Ufficcju tal-Avukat Generali, l-appellanti kienet taf illi l-paga ta' Nigel Abela ma kienitx tidhol

f'dan il-kont. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan jammonta ghall-element materjali tal-habi taht il-vesti ta' kont bankarju li jaghti fid-deher kawza innocenti, Dan l-argument ghalhekk qed ikun respint;

10. Il-lanjanza tal-appellanti testendi fuq it-tieni imputazzjoni bl-argument principali li ma kixfet ebda sigriet professjonali billi tat lil Nigel Abela informazzjoni rigwardanti d-data tal-iskadenza li fiha persuna registrata mad-Dipartiment tal-VAT ghandha ddahhal d-debita denunzja. Tressaq l-argument illi f'din l-imputazzjoni kien nieqes l-element materjali kif ukoll dak intenzjonali tieghu. Kwantu ghall-element materjali tghid illi l-artikolu 257 tal-Kapitolu 9 ma jaghti ebda tifsira ta' x'tip ta' informazzjoni jikkostitwixxi sigriet u ttenni li ghalhekk jehtieg li ssir referenza ghall-artikolu 2 tal-Kapitolu 377. Issa, l-artikolu 257 tal-Kap 9 jipotizza r-reat dwar "*Kull min, minhabba l-istat, professjoni jew kariga tieghu, ikun sar id-depozitarju ta' sigriet li jkun gie fdat lilu, jikxef dan is-sigriet, hlief fil-kazijiet li fihom il-ligi tobbligah igharrafhom lil awtorita' pubblika...*". L-artikolu 2 tal-Kap 377, l-Att Dwar Segretezza Professjonali fis-subartikolu 3 tieghu jipprovdi tifsira tal-kliem "Sigrieti Professjonali" jew "sigriet" ghal fini tal-Att. Fis-subinciz (a) huwa sigriet "*taghrif li ghandu jigi meqjus sigriet taht xi disposizzjoni ta' xi ligi*";

11. Issa, kif tajjeb osservat l-abbli Avukat ghall-prosekuzzjoni, Dr. Maria Francesca Spiteri, is-subartikolu (1) tal-artikolu 56 tal-Kapitolu 406 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, jipprovdi li "Hlief hekk kif jista' jehtieg ghal ghanijiet ta' dan l-Att jew meta l-Prim Ministru jordna mod iehor, kull persuna li jkollha xi dmir ufficcjali jew li tkun impjegata fl-amministrazzjoni ta' dan l-Att ghandha tqis u titratta kull dokument u taghrif li ghandu x'jaqsam ma' dan l-att bhala sigriet u kunfidenzjali. L-ewwel Qorti ghalhekk kienet korretta meta qieset illi l-informazzjoni dwar data ta' skadenza kienet tikkostitwixxi sigriet professjonali u m' ghandhiex ragun l-appellanta fl-argument minnha mressaq li ma hemmx dak li l-Att

dwar is-Segretezza Professjonali, igifieri ligi specifika li tindika li dik il-kategorija partikolari ta' taghrif jew informazzjoni ghandha tkun meqjusa bhala sigriet. Kull informazzjoni, f'dan il-kaz, fi hdan id-Dipartiment tal-VAT hija wahda sigrieta u ma hemmx lok li wiehed joqghod jaghzel bejn jekk din l-informazzjoni tirrigwardax semplici data temporali, isem jew partikolari iehor. Wahda milli finijiet tas-segretezza ta' kwalsiasi dettall hija intiza sabiex tevita il-prospett li xi hadd jaghmel uzu hazin minnha, jimmanipula dik l-informazzjoni ghal xi gwadann jew hsara, apparti ohrajn bhal ksur ta' privatezza;

12. L-appellant tressaq l-argument strettament marbut mal-aspett materjali tar-reat meta tghid illi dik l-informazzjoni mghoddija minnha lill-Nigel Abela ma kienitx sigriet ghaliex kienet mghoddija lill-impjegat iehor tal-istess dipartiment. Dan l-argument huwa frivolu ghall-ahhar. Dan ma huwiex il-kaz fejn Nigel Abela kien qieghed fuq xoghol barra mid-dipartiment u ried informazzjoni sabiex ikun jista' jaqdi l-inkarigu tieghu. Dan kien qieghed assenti mix-xoghol ghal-ragunjiet ben noti ghall-imputata u kienet taf li qed jaghmel xoghol ghal terzi tant li qaltlu biex joqghod attent. Ghaliex kien ghadu impjegat tad-dipartiment ma jfissirx li kellu xi dritt fuq l-informazzjoni mizmuma mid-dipartiment li kif gia inghad minn natura taghha hija sigrieta. Trasferiment ta' informazzjoni bejn impjegati fl-istess dipartiment meta dik l-informazzjoni mhix mehtiega ghall-uzu intern ta' dak id-dipartiment tista' ukoll twassal ghal-ksur tal-Att dwar is-segretezza u ghalhekk dan l-argument qed ikun michud;

13. Fit-tielet gravam, l-imputata tikritika s-sentenza appellata bhala wahda *unsafe and unsatisfactory* ghaliex skartat id-deposizzjoni dettaljata taghha u l-istqarrija taghha li ma kienitx skreditata mill-prosekuzzjoni. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan u ma tistax tifhem ghaliex l-imputata ressqet dan l-argument meta l-ewwel Qorti ghaddiet in rassenja l-aktar punti relevanti tad-

deposizzjoni taghha u ghamlet ukoll evalwazzjoni tal-istess u kkonkludiet hekk: "Illi tul l-istqarrija u d-deposizzjoni taghha l-imputata pruvat tiddistakka ruhha minn Abela, pruvat taghti l-impressjoni li ma kienet taf xejn dwar dak li qed jigri f'hajjtu u pruvat ukoll timminimizza r-relazzjoni taghhom. Dan, flimkien ma' l-inezattezzi kollha fir-rakkont taghha, jimmina l-kredibilita taghha". L-Ewwel Qorti ma waqfitx hemm u kompliet tanalizza dik id-deposizzjoni mqabbla mal-provi mressqa u ghazlet li ma temminx lill-imputata, ghall-liema konkluzzjoni waslet b'mod ragjonat u din il-Qorti ma tara xejn censurabbli f'dan ir-rigward;

14. L-ahhar aggravju tal-appellanti jirrigwarda l-piena kominata mill-ewwel Qorti, minnha deskritta bhala manifestament eccessiva u esagerata u titlob li tkun inflitta piena aktar gusta u idonea. L-appellanti tressaq is-segwenti argumenti ghaliex kellha tinghata piena aktar miti mill-ewwel Qorti u tibda billi taghmel referenza ghad-dikjarazzjoni tal-istess Qorti meta qalet li l-piena kellha tkun aktar lejn il-minimu, li f'dan il-kaz huwa ta' sitt xhur prigunerija, u li setghet kienet punita b'multa jew prigunerija sospiza; ma ghandha ggorr ebda responsabilita' ghall-appropriazzjoni indebita kommessa minn Nigel Abela; kkoperat u ma hbiet xejn mill-investigaturi; offriet id-deposizzjoni taghha u tista' issa tkun xhud kontra Nigel Abela; kienet biss pedina f'idejn Nigel Abela u li dejjem kienet tagixxi b'mod sokkombenti fuq struzzjonijiet tieghu; l-attivita' kriminali ma kienitx wahda ta' natura konsiderevolment gravi bhalma huma t-traffikar tad-droga, ta' persuni, terrorizmu u ohrajn; kazijiet ferm aktar gravi ta' hasil ta' flus inghataw pieni simili ghal-dik in disamina mill-Qrati taghna; hija persuna ta' karattru dghajjef u ingenwu; u li fil-kuntest socjali hija *single parent* responsabbli ghal-wild minuri ta' 14-il sena [ llum allura ta' tmintax-il sena] u dipendenti minnha minkejja li hija dizokkuppata konsegwenza ta' dawn il-proceduri. Fis-sottomisjonijeit orali, d-difensur tal-appellanti zied ukoll li ghandha fedina penali nadifa u

li fl-interrogazzjoni zvelat affarijiet li ma kienux jafu bihom l-investigaturi. Inoltre tallega li l-ewwel Qorti skartat ix-xhieda ta' Dr. Ethelbert Fenech Adami li spjega li ghalih kienet persuna affidabbli tant li kien ihalliha tehodlu hsieb lit-tfal minuri tieghu u li kellha karattru gwejjef;

15. Din il-Qorti qieset dan kollu kif ukoll dak kostantement deciz mill-Qrati taghna illi bhala Qorti t'Appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm ma jkun hemm xejn x'jiddemostra li din kellha tkun aktar jew anqas minn dik erogata. Qieset ukoll dak wisq drabi ritenut anka mill-Qrati taghna illi l-paraguni huma odjuzi u f'dan il-kaz l-appellanti tressaq l-argument illi f'kazi ohra rigwardanti ammonti akbar ta' hasil ta' flus kienet erogata piena simili ghal dak in dizamina. Il-piena kominata mill-ewwel Qorti hija fil-fatt fil-parametri tal-ligi kif vigenti fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat punibbli bi prigunerija mhux anqas minn sitt xhur izda mhux aktar minn disa snin jew multa ta' mhux anqas minn elf euro izda mhux aktar minn hamsin elf euro. Qieset ukoll in-natura serja tar-reat kif ukoll illi l-ewwel Qorti ma accettatx l-argument li l-imputata hija persuna ingenwa. Dwar dan l-appellanti, tghid illi l-ewwel Qorti skartat id-deposizzjoni ta' Dr. Ethelbert Fenech Adami fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena. Huwa minnu li l-ewwel Qorti ma ghamlet ebda referenza ghal din id-deposizzjoni, izda ma jfissrix, b'daqshekk li ma hadet ebda konjizzjoni taghha.

16. Ezaminat l-assjem kollu, izda, din il-Qorti trid tkun ukoll assikurata dwar l-element ta' proporzjonalita' fil-piena. Kienet l-ewwel Qorti stess li qablet li ghalkemm kollox kien jindika li kellha tinghata piena karcerarja, din kellha tqarrab aktar lejn il-minimu milli lejn il-massimu. Din il-Qorti tqis illi riduzzjoni tal-piena, anke jekk bi ftit xhur, tkun wahda aktar proporzjonata. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun milqugh u konsegwentement tiddisponi minn dan l-appell billi tichad it-talba ghat-thassir tas-sentenza kwantu

sejbien ta' htija fl-ewwel u t-tieni imputazzjoni, tilqa' t-talba ghar-riforma fil-piena u tbiddel is-sentenza appellata limitatament billi thassaraha f'dik il-parti li biha kkundannat lill-appellanta ghall-tlett (3) snin prigunerija u minflok tikkundannaha ghal-piena karcerarja ta' sentejn (2) u sitt (6) xhur, u tikkonfermaha fil-bqija;